A.L. 1 ta' l-1985

ATT TA' L-1976 DWAR ID-DAZJI TA' IMPORTAZZJONI (ATT NRU. XXV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1985 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Ħlas lura fuq Ikel 'Snack' Esportat)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 19 ta' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1985 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Ħlas lura fuq Ikel *Snack* Esportat).

Ħlas lura fuq ikel *snack* esportat.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni u ta' l-artikli 3, 4 u 5 ta' dan l-ordni, għandu jingħata ħlas lura tad-dazji ta' importazzjoni mħallsa fuq *pellets* li jittieklu ma' l-esportazzjoni jew imbark bħala provvisti jew mat-tqegħid fid-depożt sakemm jiġu esportati jew imbarkati bħala provvisti, skond il-każ, ta' ikel *snack* maħdum f'dawn il-Gżejjer, minn dawk il-*pellets*.

Għoti ta' kampjuni u dokumenti lill-Kontrullur tad-Dwana.

3. Kampjuni u dokumenti li jixhdu x-xorta, il-valur u l-pajjiż ta' l-oriġini tal-*pellets* li għandhom jintużaw fil-produzzjoni ta' ikel *snack* għall-esportazzjoni għandhom jingħataw lill-Kontrullur tad-Dwana fil-ħin ta' l-importazzjoni jew irtirar mid-depożt ta' dawk il-*pellets*.

Tiżmim ta' *records* mill-fabbrikant.

4. (1) Il-Kontrullur tad-Dwana jista' jeħtieġ lill-fabbrikant ta' l-ikel *snack* biex iżomm dawk ir-*records* li jidhirlu meħtieġa biex jidhru l-kwantitajiet ta' *pellets* importati jew irtirati mid-depożt u wżati fil-produzzjoni ta' dak l-ikel *snack*.

(2) Dawk ir-*records* għandhom jinżammu disponibbli għall-ispezzjon ta' uffiċjal tad-Dwana fil-post tal-fabbrikant.

Kontroll tad-Dwana.

5. (1) Ikel *snack* li jkun se jiġi esportat għandu jkun spezzjonat minn uffiċjali tad-Dwana fil-post tal-fabbrikant jew f'dak il-post l-ieħor li jiġi stabbilit mill-Kontrullur tad-Dwana għas-spejjeż tal-fabbrikant u wara li jiġi hekk spezzjonat għandu jiġi ippakkjat u ssiġillat quddiem dawk l-uffiċjali.

(2) Għall-finijiet ta' l-ispezzjon meħtieġ skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan l-artiklu l-fabbrikant għandu jagħti lill-Kontrullur tad-Dwana avviż bil-miktub ta' mhux inqas minn tliet ijiem dwar id-data li fiha jkun bi ħsiebu jesporta l-ikel *snack* u dak l-avviż għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet tal-post li fih u l-ħin li matulu jista' jsir dak l-ispezzjon.